

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2013

li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa stabbiliti għar-Repubblika tal-Ginea bid-Deċiżjoni 2011/465/UE u li temenda dik id-Deċiżjoni

(2013/386/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽²⁾ ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/465/UE ⁽⁴⁾ tistabbilixxi miżuri xierqa għar-Repubblika tal-Ginea (minn hawn 'il quddiem il-"Ginea") skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (2) Din id-Deċiżjoni, estiża u emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/404/UE ⁽⁵⁾, tistabbilixxi żewġ kundizzjonijiet biex terġa' tibda l-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea, jiġifieri t-tfassil ta' skeda ta' żmien dettaljata u l-adozzjoni tagħha mill-awtoritajiet kompetenti għaż-żamma tal-elezzjonijiet parlamentari sal-aħħar tal-2012, u ż-żamma ta' elezzjonijiet parlamentari ħielsa u trasparenti.
- (3) Wara t-trasmissjoni mill-President tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti tal-Ginea ta' skeda ta' żmien elettorali għaż-żamma tal-elezzjonijiet fit-12 ta' Mejju 2013, il-Kunsill ikkunsidra li l-ewwel punt ta' riferiment minnhom kien intlaħaq.

(4) Il-perijodu ta' validità tad-Deċiżjoni 2011/465/UE, kif estiż u emendat bid-Deċiżjoni 2012/404/UE, huwa sad-19 ta' Lulju 2013.

(5) Fit-13 ta' April 2013, digriet presidenzjali stabbilixxa t-30 ta' Ġunju 2013 bħala d-data tal-elezzjonijiet parlamentari. L-iskadenza legali għall-pubblikazzjoni tar-riżultati finali tal-elezzjonijiet mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Ginea tmur lil hinn mid-19 ta' Lulju 2013.

(6) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perijodu tal-applikazzjoni tal-miżuri xierqa stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/465/UE għal perijodu ta' 12-il xahar. Huwa neċessarju wkoll li tiġi estiża sa tmiem Ottubru 2013 l-iskadenza stabbilita fiha għaż-żamma tal-elezzjonijiet parlamentari fil-Ginea,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/465/UE, id-data "19 ta' Lulju 2013" hija mibdula bid-data "19 ta' Lulju 2014".

Artikolu 2

L-iskadenza għall-impenn tar-Repubblika tal-Ginea li żżomm elezzjonijiet parlamentari liberi u trasparenti, kif stabbilit fil-miżuri xierqa fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/465/UE, hija estiża sal-31 ta' Ottubru 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

V. JUKNA

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.

⁽⁴⁾ ĠU L 195, 27.7.2011, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 188, 18.7.2012, p. 17.